

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2012 — Shell Petroleum et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-343/06) <sup>(1)</sup>

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Olandiż tal-bitum għall-kisi tal-uċuħ tat-toroq — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Stħarriġ konġunt — Multi — Ċirkustanzi aggravanti — Rwol ta' provokatur u ta' mexxej — Reċidiva — Tul tal-ksur — Drittijiet tad-difiża — Ġurisdizzjoni sħiħa — Aġir tal-impriża waqt il-proċedura amministrattiva”

(2012/C 355/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Shell Petroleum NV (Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi); The Shell Transport and Trading Company Ltd (Londra, ir-Renju Unit); u Shell Nederland Verkoopmaatschappij BV (Rotterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: inizjalment O. Brouwer, W. Knibbeler u S. Verschuur, sussegwentement O. Brouwer, W. Knibbeler u P. van den Berg, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, aġent, assistit minn L. Gyselen, avukat)

#### Suġġett

Talba intiża, prinċipalment, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 4090 finali, tat-13 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] [Każ COMP/F/38.456 — Bitum (Il-Pajjiżi l-Baxxi)], sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti, u, sussidjarjament, talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta permezz tal-imsemmija deċiżjoni.

#### Dispożittiv

- (1) L-Artikolu 2(l), tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 4090 finali, tat-13 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] [Każ COMP/F/38.456 — Bitum (Il-Pajjiżi l-Baxxi)], huwa annullat inkwantu jiffissa l-ammont tal-multa imposta fuq Shell Petroleum NV, fuq The Shell Transport and Trading Company Ltd u fuq Shell Nederland Verkoopmaatschappij BV għal EUR 108 miljun.
- (2) L-ammont tal-multa imposta fuq Shell Petroleum, fuq The Shell Transport and Trading Company Ltd u fuq Shell Nederland Verkoopmaatschappij permezz tal-imsemmi Artikolu 2(l), għandu jitnaqqas għal EUR 81 miljun.
- (3) Il-bqija tar-rikors huwa miċħud.
- (4) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 20, 27.01.2007

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2012 — Total vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-344/06) <sup>(1)</sup>

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Olandiż tal-bitum għall-kisi tal-uċuħ tat-toroq — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Multi — Gravità u tul tal-ksur”

(2012/C 355/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Total SA (Courbevoie, Franza) (rappreżentanti: inizjalment A. Lamothe, L. Godfroid u A. Gosset-Grainville, sussegwentement A. Lamothe, L. Godfroid u O. Prost, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet u F. Castillo de la Torre, aġenti)

#### Suġġett

Prinċipalment, talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 4090 finali, tat-13 ta' Settembru 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] [Każ COMP/F/38.456 — Bitum — (il-Pajjiżi l-Baxxi)], u, sussidjarjament, talba għal tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti permezz ta' din id-deċiżjoni.

#### Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Total SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 20, 27.01.2007.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2012 — Nynäs Petroleum u Nynas Belgium vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-347/06) <sup>(1)</sup>

“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Olandiż tal-bitum għall-kisi tal-uċuħ tat-toroq — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Imputabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur — Multi — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva — Valur miżjud sinjifikattiv — Ugwaljanza fit-trattament”

(2012/C 355/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Nynäs Petroleum AB (Stokkolma, l-Isvezja); u Nynas Belgium AB (Stokkolma) (rappreżentanti: A. Howard, barrister, M. Dean u D. McGowan, solicitors)